Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,629, 24 ta' April, 2026

Taqsima B

A.L. 106 tal-2026

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli tal-2026 li jemendaw ir-Regoli dwar Tnaqqis (Dħul minn Impjieg)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 14(2) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2026 li jemendaw ir-Regoli dwar Tnaqqis (Dħul minn Impjieg) u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Tnaqqis (Dħul minn Impjieg), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa r-"regoli prinċipali". L.S. 123.149.

(2) Dawn ir-regoli għandhom japplikaw b'effett mis-sena ta' stima 2027.

Temenda r-regola 3 tar-regoli prinċipali.

2. Fl-artikolu 3 tar-regoli prinċipali l-kliem "fl-artikolu 56(1)(*b*) tal-Att, iżda mhux bir-rati msemmija fil-*provisos* għal dak l-artikolu," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fl-artikolu 56(1)(b)(i) tal-Att".